CCT/235/12/S

Dr.Joseph Muscat u Dr.Bernadette Muscat
Vs
Ryan Mallia

Illum 24 ta'Lulju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Dr.Joseph Muscat u ta' Dr.Bernadette Muscat pprezentata fid-19 ta'Settembru,2012 u r-risposta ta' Ryan Mallia datata 10 ta'Dicembru,2012;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert il-Perit Alan Saliba u s-sottomissjonijiet taghhom kif ukoll sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol li ma ma tkompliex mill-intimat fil-fond tar-rikorrenti filwaqt li l-intimat stqarr li beza' li ma kienx se jithallasx u ghalhekk ma kompliex ix-xoghol;

Illi mill-atti jirrizulta li l-intimat kaxkar saqajh biex ikompli x-xoghol tant li r-rikorrenti spiccaw biex kellhom jinkarigaw lil haddiehor;

Illi fi kwistjonijiet dwar appalt, zewg punti jridu jigu decizi u cioe jekk ix-xogholijiet sarux hekk kif miftiehem u jekk ix-xogholijiet sarux skont is-sengha w l-arti[1];

Illi l-perit tekniku elenka x-xoghol esegwit mill-intimat fil-fond tar-rikorrenti u vvalutah fl-ammont ta' €2886.09 u dan kif spjegat f'pagna 20 tar-rapport tieghu;

Illi jinghad mal-ewwel li l-valur tax-xogholijiet li saru u li ghadhom ma sarux, hu materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert tekniku ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

[1] Ara sentenza moghtija fit-22 ta'Gunju,1994 fl-ismijiet "**Bonnici noe vs Sammut**" mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc).

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[2];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

"...*Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...*";

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Dr.Joseph Muscat u Dr.Bernadette Muscat filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Ryan Mallia, u Jordna lil Ryan Mallia biex ihallas lil Dr.Joseph Muscat u Dr.Bernadette Muscat is-somma ta' €1113.91 imhallsa zejda mir-rikorrenti lill-intimat skont il-konkluzjoni tal-espert tekniku, bl-imghaxijiet skont il-ligi jibdew jiddekorru mill-llum u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-intimat Ryan Mallia.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[2] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.